**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 27 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Joseph Galea detentur tal-karta ta` l-identita numru 293290M.**

Kumpilazzjoni Nru. 107/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli:

F'dawn il- Gzejjer diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijjiet differenti jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u gew maghmula b' rizuluzzjoni wahda -

Fl-24 t`April 2012, f'xi hin bejn is- sitta ta' filghodu u s-sitta ta' filghaxija, fi Triq Santa Marija, Mghatab, Limiti tan-Naxxar:

1 kkommetta serq ta` diversi oggetti minn go vettura ta` l-ghamla Fiat bin-numru ta`registrazzjoni DRI-272 ghad-detriment ta` Adrian Tonna, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, (Art. 263, 264(1), 267, 271(g), 278(3), 279(a));

2 B`mezzi xort`ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara ta` hgiega u tal-bieba tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DRI-272, liema hsara` ma` tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta` Adrian Tonna, (art. 325 (1)(b));

U aktar talli nhar l-20 ta Marzu 2012, f' xi hin bejn it-15:00hrs u s-18:30hrs gewwa Triq it- Tigrija, Rabat:

3 bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ghad-dannu ta Kurt Sammut u/ jew persuna/i ohra, wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt billi illieva bieba ta vettura tal-ghamla Ford numru ta registrazzjoni BAH-126, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien jikkwalifika bil-hin, bil-mezz bix- xorti tal- haga misruqa. (Art. 41(1)(a), 263, 264(1), 267, 270, 271(g),278(3),279(a));

4 fl-istess cirkustanzi, b`mezzi xort`ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq bieba tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BAH-126, liema hsara`ma` tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta` Kurt Sammut u jew persuna/i ohra. (art. 325 (1)(b));

5 U aktar talli rrenda lilu nnifsu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

6. U aktar talli permezz ta` dan ir-reat, ghamel reat waqt fil-perjodu operattiv ta` sentenzi ta Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-13 t' April, 2016, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat -

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi t-tieni u r-raba imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet rispettivament

Illi l-valur tal-oggetti u flejjes misruqa jammonta komplessivament ghas-somma ta' elf Euro (€1,000), liema ammont ma gie kkontestat bl-ebda mod mill-imputat.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-fedina penali tieghu li hi li hija prova tal-karattru refrattarju tieghu minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga instab hati ta' reati simili bhal dawk li illum jinsab akkuzat dwarhom. Il-Qorti izda thoss li l-imputat ghad jista' jbiddel id-direzzjoni xejn felici li qabad u dan anke in vista tat-trapass ta'zmien minn meta sehhew dawn ir-reati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 41(1)(a), 49, 50, 263, 264(1), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 289, 325 (1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 23 tal-Kap.446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, wara li tqis it-tieni u r-raba imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet rispettivament, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas is-somma ta' elf Euro (€1,000) lil parti leza u dana fi zmien sittax il-xahar millum ratealment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ahhar ta' Mejju, 2016.

Illi il-Qorti giet infurmata li saret *in genere*. Tenut kont tal-istadju bikri li fih gew amessi l-akkuzi, il-proces verbal relattiv kien ghadu ma giex esebit fl-atti processwali. Ghaldaqstant il-hati ghandu jhallas dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**